

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice, Family Division (England and Wales) – ir-Renju Unit) – A vs B**

(Kawża C-489/14) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni, rikonossiment u eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Lis alibi pendens — Artikoli 16 u 19(1) u (3) — Proċedura għal separazzjoni legali fl-ewwel Stat Membru u proċedura għal divorzju fit-tieni Stat Membru — Ġurisdizzjoni tal-qorti adita l-ewwel — Kunċett ta' ġurisdizzjoni 'stabbilita' — Skadenza tal-ewwel proċedura u preżentata ta' proċedura ġdida għal divorzju fl-ewwel Stat Membru — Konsegwenzi — Differenza fil-ħin bejn l-Istati Membri — Effetti fuq il-proċedura ta' tressiq ta' kawża quddiem qorti)*

(2015/C 389/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice, Family Division (England and Wales)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: A

Konvenut: B

**Dispożittiv**

Fir-rigward ta' proċeduri għal separazzjoni legali u għal divorzju mibdija bejn l-istess partijiet quddiem qorti ta' żewġ Stati Membri, l-Artikolu 19(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-proċedura quddiem il-qorti adita l-ewwel fl-ewwel Stat Membru tiskadi wara li l-kawża titressaq quddiem it-tieni qorti fit-tieni Stat Membru, il-kriterji ta' lis alibi pendens ma jibqgħux issodisfatti u, għaldaqstant, il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita l-ewwel għandha titqies li ma hijiex stabbilita.

<sup>(1)</sup> ĠU C 26, 26.1.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Nejvyšší správní soud – ir-Repubblika Ċeka) – Český telekomunikační úřad vs T-Mobile Czech Republic a.s., Vodafone Czech Republic a.s.**

(Kawża C-508/14) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2002/22/KE (Direttiva “servizz universali”) — Kalkolu tal-ispiża tal-obbligi ta' servizz universali — Teħid inkunsiderazzjoni tar-rata ta' rendiment tal-fondi proprji — Effett dirett — Applikazzjoni razione temporis)*

(2015/C 389/13)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud